**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 267/2018**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Yvette Muscat**
**Trudy Testa**
**Pierre Camilleri**
**Carmen Armeni**
**Sylvana Bugeja**
**Juma Said Karfoosh**
**Suzanne Abela**
**Albert Bugeja**

Illum 13 ta' Settembru 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellati:

**Yvette Muscat**, detentriċi tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 502466(M),

**Trudy Testa**, detentriċi tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 279275(M),

**Pierre Camilleri**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 655581(M),

**Carmen Armeni**, detentriċi tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 337861(M),

**Sylvana Bugeja**, detentriċi tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 19373(M),

**Juma Said Karfoosh**, iben Said u Firla, imwieled Tripoli (Libja) fil-25 ta' Diċembru 1966, residenti 14/7, Triq Barth, Ħamrun, detentur ta' Passaport bin-numru 855258[1],

**Suzanne Abela**, detentriċi tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 479092(M),

u

**Albert Bugeja**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 300672(M),

akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli (għajr għal Suzanne Abela) f'dawn il-Gżejjer u barra minn dawn il-Gżejjer fit-30 ta' Mejju 2002, u matul l-aħħar sitt (6) xhur qabel din id-data:

1. assoċjaw ruħhom ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegħu jew jittraffikaw mediċina (kokajina u l-pjanta *cannabis* kollha jew biċċa minnha) f'Malta kontra d-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza

[1] Vol. XXX: *a fol.* 8437.

Dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta), jew li ppromovew, ikkostitwixxew, organizzaw jew iffinanzjaw l-assoċjazzjoni;

2. għenu, ħajjru, taw parir jew fittxew biex jiġi magħmul f'post barra minn Malta reat li għalih hemm piena skont id-dispożizzjonijiet ta' xi liġi korrispondenti li tkun isseħħ f'dak il-post, jew assoċjaw ruħhom ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta sabiex għamlu tali reat jew għamlu xi haġa biex iħejju jew jiffaċilitaw xi att li kieku jsir f'Malta jkun reat kontra l-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta);

<u>Lil Sylvana Bugeja waħidha wkoll talli</u>: f'dawn il-Gżejjer fit-3 ta' Awwissu 2002 u matul l-aħħar sitt (6) xhur qabel din id-data:

3. kellha fil-pussess tagħha r-raża meħuda mill-pjanta *cannabis* bi ksur ta' Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. kellha wkoll fil-pussess tagħha l-pjanta *cannabis* kollha jew biċċa minnha bi ksur ta' Artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

<u>Lil Suzanne Abela waħidha talli</u>: f'dawn il-Gżejjer fit-30 ta' Mejju 2002 u matul l-aħħar seba' (7) snin qabel din id-data:

5. assoċjat ruħha ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex tbiegħ jew tittraffika mediċina (kokajina u l-pjanta *cannabis* kollha jew biċċa minnha) f'Malta kontra d-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta), jew ippromoviet, ikkostitwixxiet, organizzat jew iffinanzjat l-assoċjazzjoni;

6. għenet, ħajjret, tat parir jew fittxet biex jiġi magħmul f'post barra minn Malta reat li għalih hemm piena skont id-dispożizzjonijiet ta' xi liġi korrispondenti li tkun isseħħ f'dak il-post, jew assoċjat ruħha ma' xi persuna jew persuni oħra

f'Malta sabiex jagħmlu tali reat jew għamlu xi ħaġa biex iħejju jew jiffaċilitaw xi att li, kieku jsir f'Malta, ikun reat kontra l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta).

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali l-flejjes u l-proprjeta' mobbli jew mobbli kollha li huma dovuti lil jew ikunu jmissu lill-imputati jew huma proprjeta' tagħhom, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-imputati milli jittrasferixxu jew xort'oħra jiddisponu minn xi proprjeta' mobbli jew immobbli.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex tordna lill-imputati sabiex iħallsu l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (Vol. XXX: *a fol.* 8359 *et seq.*) tat-12 ta' Ġunju 2018, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikoli tal-liġi msemmija minnha fis-sentenza appellata, illiberat lill-imputati kollha, ċioè lil Yvette Muscat, Trudy Testa, Pierre Camilleri, Carmen Armeni, Sylvana Bugeja, Juma Said Karfoosh, Suzanne Abela u Albert Bugeja, mill-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront tagħhom.

Rat ir-Rikors tal-appellant Avukat Ġenerali (Vol. XXX: *a fol.* 8378 *et seq.*) ippreżentat fl-20 ta Ġunju 2018 fejn wara li għamel riferenza għas-sentenza appellata talab lil din il-Qorti sabiex: "*tirriforma s-sentenza billi:*

*tikkonferma l-liberatorja ta' Albert Bugeja tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu;*

*tikkonferma l-liberatorja ta' Sylvana Bugeja mill-akkużi tal-pussess sempliċi tad-droga pjanta u tal-pussess sempliċi tar-resina tal-kannabis;*

*Filwaqt li tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata fil-bqija u wara li tqis bir-reqqa l-provi f'dan il-każ, issib lill-appellati rimanenti ħatja tar-*

*rimanenti akkużi kif miġjuba kontrihom u tinfliġġi l-piena applikabbli skont il-liġi f'kull każ."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellati eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduti tat-23 ta' Marzu 2023 u tal-20 ta' Ġunju 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diga' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta, b'dan illi l-Qorti ħadet konjizzjoni ta' dak li qalu l-konsulenti legali tal-appellati hekk kif verbalizzat fis-seduta tal-20 ta' Ġunju 2023.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fit-12 ta' Ġunju 2018. Għal kull buon fini jingħad li l-appellati f'dan il-każ kienu oriġinarjament tressqu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja flimkien ma' numru ta' persuni oħra pero' eventwalment il-proċeduri kriminali fil-konfront ta' dawn il-persuni ġew separati.

Illi qabel din il-Qorti tipproċedi ulterjorment ikun opportun li tinnota s-segwenti:

- L-appellant Avukat Ġenerali ma appellax mil-liberatorja ta' Albert Bugeja u anqas mil-liberatorja ta' Sylvana Bugeja mill-imputazzjoni dwar pussess sempliċi tad-droga pjanta u tal-pussess sempliċi tar-reżina tal-kannabis;

- Permezz ta' Nota ppreżentata fit-12 ta' Novembru 2018 (Vol. XXX – *a fol.* 8432) l-Avukat Ġenerali ddikjara li ma kienx qed jinsisti fuq l-ewwel aggravju mressaq minnu fir-Rikors tal-appell tiegħu u fil-verbal tas-seduta miżmuma fl-10 ta' Jannar 2019 (Vol. XXX – *a fol.* 8438 *et seq.*) l-appellant iddikjara li kien qed jirtira dan l-ewwel aggravju tiegħu.

- Fis-seduta miżmuma fl-10 ta' Jannar 2019 (Vol. XXX: *a fol.* 8438 *et seq.*), din il-Qorti diversament preseduta ddikjarat il-proċediment estint fil-konfront tal-appellat Juma Said Karfoosh u dan sar wara li ġie ppreżentat ċertifikat tal-mewt tiegħu. Għaldaqstant din il-Qorti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-appell tal-appellant Avukat Ġenerali fejn dan jirrigwarda l-appellat Juma Said Karfoosh.

- Fis-seduta miżmuma fl-20 ta' Ġunju 2023 din il-Qorti kif preseduta ġiet mitluba tieħu konjizzjoni tas-sentenza mogħtija fl-1 ta' Ġunju 2023 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fl-ismijiet **Charles Steven Muscat vs. Avukat Ġenerali et** (Numru 90/2018). Dwar din is-sentenza, din il-Qorti tinnota li hemm appell pendenti dwarha u għaldaqstant dak deċiż mill-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fis-sentenza msemmija għad irid jiġi skrutinizzat mill-Qorti Kostituzzjonali.

**Ikkunsidrat**

Illi f'Diċembru 2001 il-Pulizija ta' Malta kellhom informazzjoni li kellha tiġi impurtata ġewwa Malta xi droga mill-Olanda. Jingħad li wieħed mill-imħuħ wara din it-tranżazzjoni kien Leli Camilleri. Skont l-iSpettur Neil Harrison xi ġimgħat wara daħlu fit-tranżazzjoni Charles Steven Muscat, Mario Camilleri u Joseph Sacco. Jispjega li kienu qed jsiru numru ta' kuntatti sabiex jiġu identifikati l-persuni li kellhom jieħdu l-flus u jġibu d-droga mill-Olanda. Skont l-iSpettur Harrison in-nies li kellhom jieħdu l-flus kienu Raymond Borg, Fabio Psaila u Romeo Bone. Jidher li l-ewwel tentattiv falla minħabba li ma ttieħdux flus biżżejjed l-

Olanda u għalhekk dawn il-persuni reġgħu ġew Malta fis-7 ta' Marzu 2002.

Illi bħala parti mill-preparattivi sabiex tiġi allegatament impurtata illegalment id-droga hawn Malta ġew involuti terzi. L-iSpettur Harrison fix-xiehda tiegħu jispjega li bdew jsiru aktar kuntatti dwar il-flus. F'dawn il-kuntatti ġew involuti numru ta' persuni li wara ġew mixlija permezz ta' din il-kawża. Fil-frattemp Raymond Borg u Romeo Bone reġgħu siefru din id-darba lejn Ruma u minn hemm krew vettura u saqu lejn l-Olanda.

Illi sadanittant allegatament baqgħu jsiru arranġamenti ta' kif id-droga kellha tinġieb f'Malta b'dana li saru pjanijiet sabiex tinġieb bil-baħar u għal dan il-għan allegatament ġiet identifikata imbarkazzjoni. Iżda minħabba l-maltemp dan it-traġitt ġie postpost. Skont l-iSpettur Harrison, Romeo Bone kien talab lit-tfajla tiegħu tmur Sqallija minħabba li kellha xi familjari jgħixu hemm. F'dan l-istadju ġew involuti l-Awtoritajiet Taljani. Il-pulizija Taljana bdiet issegwi lill-Maltin u fl-aħħar għamlu tfittxija fuq il-vettura tagħhom iżda bi żvista ma nstab xejn. Saret ukoll tfittxija fuq id-dar tal-familjari tat-tfajla ta' Romeo Bone.

Illi dejjem skont ix-xiehda tal-iSpettur Harrison, minħabba dawn iċ-ċirkostanzi Romeo Bone, it-tfajla tiegħu u Raymond Borg kellhom isibu post ieħor fejn joqgħodu u għalhekk marru f'lukanda viċin Catania u ddeċidew jaħbu d-droga minħabba li kienu qed jibżgħu li l-Pulizija kienet warajhom. F'dan il-mument daħal fix-xena membru ieħor li kellu jmur l-Italja u jiġbor id-droga. Iżda l-Pulizija Taljana sadanittant kienet sabet id-droga moħbija u bidlitha b'dana illi meta l-membri l-oħra marru biex jiġbru d-droga ġew arrestati.

Illi dwar l-involviment tal-appellati, skont il-Prosekuzzjoni dawn kienu nvoluti hekk:

- Fil-każ ta' <u>Yvette Muscat</u> il-Prosekuzzjoni tallega li hija kienet tirċievi struzzjonijiet mingħand ir-raġel tagħha,

Charles Steven Muscat minħabba li huwa kien fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin u għalhekk kien fl-impossibilita' li jwettaq il-qadi huwa stess u li in konsegwenza kien iqabbad lill-martu tiegħu ħsieb il-qadi.

- Bl-istess mod rigward Trudy Testa hija wkoll allegatament kienet, skont il-Prosekuzzjoni taqdi l-qadjiet li kien jqabbadha r-raġel tagħha Mario Camilleri li fil-mument tat-tranżazzjoni kien il-ħabs ukoll. Dan japplika wkoll għal Pierre Camilleri.

- Rigward Carmen Armeni skont il-Prosekuzzjoni l-involviment tagħha kien marbut mal-fatt li hija kienet intalbet sabiex tuża l-vettura tagħha ħalli tinġieb id-droga minn Sqallija. Jidher li hija kienet allegatament aċċettat u kienet involviet lill-oħtha Sylvana Bugeja. Il-pjan kien li kellhom imorru Catania bil-vettura tagħha. Huwa allegat mill-appellant li t-tnejn kienu għamlu l-vjaġġ ġimgħa qabel biex jistudjaw is-sitwazzjoni.

- Fil-konfront ta' Suzanne Abela, dejjem skont il-Prosekuzzjoni jidher li hija kienet xi żmien qabel f'relazzjoni ma' Mario Camilleri u li allegatament kienet diġa' għenitu sabiex jimporta d-droga. F'dan il-każ jingħad li r-rwol tagħha kien li ġiet mitluba sabiex tiegħu l-flus l-Olanda.

- Ir-rwol ta' Juma Said Karfoosh kien dak li kellu jimmodifika l-vettura ta' Armeni sabiex tkun tista' tinħeba d-droga fiha.

**Ikkunsidrat**

Illi permezz tal-ewwel aggravju l-appellant Avukat Ġenerali jilmenta mill-fatt li l-Ewwel Qorti fuq l-iskorta ta' ġurisprudenza kopjuża warrbet l-istqarrijiet minħabba li ttieħdu mingħajr il-presenza ta' avukat. Kif ingħad aktar 'il fuq, l-appellant Avukat Ġenerali rtira dan l-aggravju waqt is-seduta tal-10 ta' Jannar 2019 (Vol. XXX - *fol.* 8438 *et seq.*) u għaldaqstant il-Qorti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi permezz tat-tieni aggravju l-appellant Avukat Ġenerali jibda billi jilmenta dwar il-fatt li l-Ewwel Qorti skartat it-traskrizzjonijiet tal-interċettazzjonijiet ta' Juma Said Karfoosh minħabba li tali interċettazzjonijiet ma kienux ġew approvati. F'dan ir-rigward l-Avukat Ġenerali jgħid li l-approvazzjoni ħarġet fuq numru li kien juża' l-istess Karfoosh.

Illi fir-rigward tal-appellati l-oħra dwar ir-reat ta' assoċjazzjoni l-appellant Avukat Ġenerali jispjega fir-Rikors tal-Appell tiegħu l-elementi kostituttivi tar-reat ta' assoċjazzjoni u jgħid li ma hemmx għalfejn li r-reat ikun twettaq jew irnexxa. L-appellant jisħaq li minn qari tal-interċettazzjonijiet kollha li saru għandu jirriżulta n-ness bejn r-rwol tal-appellati u l-importazzjoni tad-droga. F'dan ir-rigward l-appellant jgħid li huwa importanti li wieħed jara l-assiem tal-interċettazjonijiet filwaqt li wieħed għandu jżomm f'moħħu dak li kien qed jirriżulta waqt l-investigazzjoni. Jargumenta li filwaqt li la l-kelma "droga" ma tissemma u lanqas il-flus, dawn ma humiex pretiżi sabiex tinstab il-ħtija.

Illi l-appellant jgħaddi biex jagħmel analiżi tal-interċettazzjonijiet tal-appellati u jibda b'Yvette Muscat fejn din qatt ma ammettiet l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha. Iżda skont hu mill-interċettazzjonijiet jidher li hija kienet taf għal xiex kienu ser jintużaw il-flus. Issir referenza għall-interċettazzjoni tal-10 ta' Jannar 2002 fejn skont l-appellant jidher li dawn ma kienux qed jirreferu għal ħwienet iżda kienu qed jirreferu għad-droga Fuq l-istess intendiment l-Avukat Ġenerali jirreferi għat-traskrizzjonijiet l-oħra tat-telefonati li saru bejn il-partijiet.

Illi fir-rigward ta' Trudy Testa l-appellant l-Avukat Ġenerali jilmenta li hija kienet ben konxja tal-fatt li t-trasferimenti ta' flus kienu qed jintużaw sabiex tiġi impurtata d-droga. Issir referenza għal numru ta' konverżazzjonijiet telefoniċi li fil-fehma tal-appellant juru li l-appellata Testa kellha involviment ferm akbar minn dak li tgħid hija. In vista ta' dan, skont l-appellant in-ness

bejn ir-rwol tagħha u l-intrapriża illeċita hija waħda ċara u għalhekk is-sentenza appellata mhijiex korretta.

Illi dwar Pierre Camilleri filwaqt li l-appellant jindika l-parentela ma' Mario Camilleri, huwa jispjega li dan kien ingħata istruzzjoni minn missieru sabiex jgħaddi flejjes lill-persuni oħra li kienu f'din l-assoċjazzjoni. F'dan ir-rigward issir riferenza għall-konverżazzjonijiet ta' Pierre Camilleri ma' missieru fejn jiddiskutu fuq tranżazzjoni li tirrigwarda xi ħaġa marbuta man-numru erba' u ssir diskussjoni fuq il-prezz. Isiru wkoll riferenzi għal numru ta' interċettazzjonijiet li fil-fehma tal-appellant Avukat Ġenerali juru li l-appellat Pierre Camilleri mhux biss fuq flejjes jitkellem imma fuq ir-raġuni għalfejn dawn il-flejjes kienu trasferiti.

Illi dwar Carmen Armeni l-appellant jilmenta li din kienet ġiet avviċinata sabiex tuża l-vettura tagħha ħalli tinġieb id-droga minn Sqallija iżda dan il-pjan sussegwentement inbidel. B'dana iżda tali bidla ma kinitx iddettata mir-rieda tagħha u għalhekk ma tistax tinġieb bħala difiża. L-appellant jirreferi għall-interċettazzjonijiet li saru bejn Sylvana Bugeja, Anthony Gatt u Juma Said Karfoosh u jiġborhom flimkien. Minn dawn l-interċettazzjonijiet l-appellant jikkonkludi li hemm biżżejjed evidenza sabiex jintwera li huma kienu involuti fl-assoċjazzjoni.

Illi rigward Suzanne Abela l-Avukat Ġenerali jispjega li l-imputazzjonijiet li tressqu fil-konfront tagħha ma humiex limitati għat-trattazzjoni in kwistjoni iżda hemm involut assoċjazzjoni ferm eqdem u ċioè assoċjazzjoni li tmur lura seba' snin. L-Avukat Ġenerali jsemmi li din l-assoċjazzjoni mhijiex ippruvata biss mill-istqarrijiet iżda wkoll mill-interċettazzjonijiet. L-Avukat Ġenerali jirreferi għall-interċettazzjonijiet li kien hemm bejn Abela u Emanuel Camilleri.

Illi għal dawk li huma fatti, din il-Qorti tinnota li huwa ben magħruf li hija ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm din tkun waslet għall-konklużjoni tagħha legalment u raġonevolment. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-17 ta' Ġunju 2019 fl-ismijiet

**Il-Pulizija vs. Joseph Apap** (Numru 58/2018) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "In primis, jingħad li hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tbiddilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti kinitx raġonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura dik tkun raġuni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konklużjoni."

Illi dwar ir-reat ta' assoċjazzjoni Artikolu 22(1)(f) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi s-segwenti:

> "(1) Kull min –
>
> [...]
>
> (f) jassoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibigħ jew jittraffika mediċina f'Malta kontra d-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, jew li jippromovi, jikkostitwixxi, jorganizza jew jiffinanzja l-assoċjazzjoni,
>
> ikun ħati ta' reat kontra din l-Ordinanza."

Illi dak li trid tara din il-Qorti huwa jekk mill-atti proċesswali jirriżultax li l-appellati kienu f'assoċjazzjoni *ai termini* ta' Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-5 ta' Jannar 2004 fl-ismijiet **Ir-**

**Repubblika ta' Malta vs. Simon Xuereb** (Numru 15/2003) fejn il-Qorti Kriminali qalet hekk:

> "Issa skond il-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna l-elementi kostituttivi tar-reat ta' assoċjazzjoni kontemplat fil-Kap. 101 dejjem ġew ritenuti li huma erbgħa u senjatament: 1. iż-żmien li fih ikun sar ir-reat; 2. li jkun hemm mill-inqas persuna oħra, kienet minn kienet f'Malta jew barra minn Malta, li tkun involuta, 3. sabiex tiġi traffikata d-droga; u 4. li jkun hemm il-ftehim dwar il-mod kif din id-droga ser tiġi traffikata. It-traffikar għandu definizzjoni wiesgħa u din tinkludi mhux tfisser kwalsiasi moviment ta' droga minn id għal id kemm versu korrispettiv kif ukoll b'mod gratuwitu. U ma hemmx għalfejn elementi oħra bħal per eżempju prova li id-droga tkun effettivament għaddiet minn id għal id jew li ġiet importata, għax anki sempliċi offerta hija biżżejjed."

Illi din il-Qorti eżaminat ukoll dak li ngħad fis-sentenza mogħtija fis-6 ta' Marzu 2003 fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Steven John Caddick et** (Numru 15/2001) fejn il-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) qalet hekk:

> *"[...] although it is true that for the crime of conspiracy to subsist it does not have to be proved that the agreement was put into practice, the converse is not true, that is that evidence of dealing does not necessarily point to a conspiracy.*
>
> *Under our law the substantive crime of conspiracy to deal in a dangerous drug exists and is completed "from the moment in which any mode of action whatsoever is planned or agreed upon between" two or more persons (Section 22(1A) Chapter 101). Mere intention is not enough. It is necessary that the persons taking part in the conspiracy should have devised and agreed upon the means, whatever they are, for acting, and it is not required that they or any of them should have gone on to commit any further acts towards carrying out the common*

*design. If instead of the mere agreement to deal and agreement as to the mode of action there is a commencement of the execution of the crime intended, or such crime has been accomplished, the person or persons concerned may be charged both with conspiracy and the attempted or consummated offence of dealing, with the conspirators becoming (for the purpose of the attempted or consummated offence) co-principals or accomplices. Even so, however, evidence of dealing is not necessarily going to show that there was (previously) a conspiracy, and this for a very simple reason, namely that two or more persons may contemporaneously decide to deal in drugs without there being between them any previous agreement."*

Illi dwar Artikolu 22(1)(f) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta din il-Qorti tagħmel riferenza wkoll għas-sentenza mogħtija fit-28 ta' Frar 2018 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Publius Micallef et** (Numru 363/2017) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi allura għalkemm huwa minnu, kif jisħaq l-Avukat Ġenerali, illi sabiex jissussisti r-reat maħsub fl-ewwel imputazzjoni miġjuba fil-konfront ta' l-appellati hemm il-ħtieġa biss li jiġi ppruvat il-pjan maħsub bejn tnejn minn nies jew iktar sabiex tinbiegħ jew tiġi traffikata d-droga, mingħajr il-prova tanġibbli tad-droga jew tal-persuni li kellhom jissupplixxu din id-droga, madanakollu prova li kienet għaddejja din il-konġura trid tissussisti mill-atti. Kif ingħad skartata il-prova ta' l-istqarrijiet tal-appellati, skartata l-prova magħmula bl-istqarrijiet ġuramentata taż-żewġ xhieda Jason Briffa u Joseph Grech u skartati l-interċettazzjonijiet telefoniċi, li *del resto* imkien ma isemmu il-kelma 'droga' jew x'tip ta' droga kienet ser tiġi ittraffikata u f'liema kwantita, għar-raġunijiet hawn fuq miġjuba, ma jifdal l-ebda prova fl-atti lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni li tipponta subajgħha fid-direzzjoni ta' xi assoċjazzjoni bejn il-persuni ta' l-appellati għal fini li tiġi ttraffikata d-droga." [emfażi miżjuda]

Illi stabbilit dan din il-Qorti ser tistħarreġ jekk l-elementi msemmija aktar 'il fuq jirriżultax mill-atti proċesswali fir-rigward ta' kull appellat. Ovvjament anke mill-fatti hekk kif esposti jirriżulta li l-ewwel żewġ elementi ġew sodisfatti.

Illi dwar Yvette Muscat din il-Qorti tinnota li fix-xiehda mogħtija minnha fit-23 ta' Frar 2011 (Vol. XXIX – *a fol.* 8026 *et seq.*) l-appellata tikkonferma l-kontenut tal-istqarrija tagħha. Dwar it-traskrizzjonijiet tal-interċettazzjonijiet li saru (Vol. XXVI – *a fol.* 7435 *et seq.*) din il-Qorti tinnota li mill-atti proċesswali ma hemmx prova li n-numri addebitati lill-appellata kienu fil-fatt tagħha. Jekk wieħed jinjora dan mit-traskrizzjonijiet jirriżulta involviment tal-appellata fit-trasferiment tal-flus iżda ma jirriżultax li hija kienet taf li dawn kienu ser jiġu wżati sabiex tinxtara d-droga. Din il-Qorti ma tistax tassumi li minħabba l-ambjent li kienet tagħmel parti minnu hija kienet taf f'xiex kienu ser jintużaw. Lanqas huwa ta' fejda l-argument imressaq mill-appellant Avukat Ġenerali meta jirreferi għad-diskussjoni ta' bejn l-appellata u r-raġel tagħha meta jitkellmu fuq xi ħwienet. Li kien jmissha għamlet il-Prosekuzzjoni kien li tressaq prova li tali negozji ma kienux jeżistu. Dan ma jirriżultax mill-atti proċesswali.

Illi dwar Trudy Testa (issa Camilleri) din il-Qorti tinnota li fix-xiehda mogħtija minnha fil-11 ta' Frar 2015 (Vol. XXIX – *a fol.* 8203 *et seq.*) hija tmeri l-istqarrija li għamlet quddiem l-iSpettur Harrison. Din il-Qorti għall-istess raġunijiet tal-Ewwel Qorti ser tiskarta l-istqarrija magħmula mill-appellata. Din il-Qorti tinnota wkoll li għajr għan-numri tat-telefon 21682154 u 99227746, in-numri l-oħra li hemm indikati fit-traskrizzjonijiet ma huwiex ippruvat li huma tal-appellata u għalhekk diġa' hemm dan in-ness nieqes. Minkejja dan mit-traskrizzjonijiet li huma allegatament marbuta mal-appellata Testa (Vol. XXVII – *a fol.* 7712 *et seq.*) ma jirriżultax b'mod ċar r-rwol tagħha li kienet parti mill-ftehim li tiġi ttraffikata d-droga.

Illi dwar Carmen Armeni din il-Qorti tinnota li fix-xiehda mogħtija minnha fl-14 ta' Marzu 2011 (Dok. XXIX – *a fol.* 8045 *et seq.*) l-appellata tikkonferma l-kontenut tal-istqarrija tagħha. Mir-

rapport tal-espert Martin Bajada jirrizulta li n-numru tal-appellata huwa identifikat. Minkejja dan mit-traskrizzjoni tat-telefonata ma' oħtha din il-Qorti ma ssibx il-komfort neċessarju għal konvinċiment morali li l-appellata kienet involuta f'assoċjazzjoni intiża għal importazzjoni tad-droga.

Illi fir-rigward ta' Sylvana Bugeja minkejja li n-numru tat-telefon jirriżulta reġistrat mas-*service provider*, mit-telefonata ma' oħtha ma tirriżultax rabta mar-reat ta' assoċjazzjoni għall-importazzjoni tad-droga.

Illi fir-rigward ta' Suzanne Abela jirriżultaw numru ta' telefonati ma' Leli Camilleri (Vol. XXVIII – *a fol.* 8003 *et seq.*). Minn dawn it-telefonati tliet numri użati ma humiex reġistrati fuq l-appellata imsemmija. Jekk għal mument wieħed iwarrab dan minn dawn it-telefonati, kif qalet l-Ewwel Qorti, jirrizulta li l-persuni nvoluti tkellmu dwar safra li diġa' saret fil-passat iżda minn imkien ma jirriżulta qbil bejn Leli u l-appellata li tmur sabiex iġġib id-droga. Minbarra dan ma hemmx prova li s-safra li kienet seħħet qabel kien intiża sabiex tiffaċilita jew tgħin fl-importazzjoni tad-droga.

Illi jifdal Pierre Camilleri. Din il-Qorti qrat bir-reqqa l-interċettazzjonijiet (Vol. XXVI – *a fol.* 7506 *et seq.*) u x-xiehda mogħtija minnu fis-seduta tal-14 ta' Jannar 2015 (Vol. XXIX – *a fol.* 8198 *et seq.*). Dwar l-interċettazzjonijiet din il-Qorti tinnota li mill-atti proċesswali ma hemm l-ebda prova li n-numri marbuta miegħu kienu fil-fatt tiegħu. Minkejja li mix-xiehda mogħtija mill-appellat Pierre Camilleri wieħed jista' b'xi mod jew ieħor ixomm li seta' kien hemm qbil bejnu u missieru li jekk id-droga in kwistjoni tasal Malta huwa kien ser iżommha pero' dan waħdu mhuwiex biżżejjed għas-sejbien ta' ħtija tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-27 ta' Ottubru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Roderick Gerada** (Numru 237/2020) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet is-segwenti:

> "49. Biex dawn l-indizji, jew ċirkostanzi jassumu rilevanza penali, huma jridu jsegwu ċerti regoli speċifiċi. Allura jistgħu jinqraw flimkien ma' provi diretti u ċerti. Xi drabi jistgħu jkunu importanti daqs provi diretti. Iżda fl-assenza ta' provi diretti, ċari u ċerti, il-provi indizjarji ossija ċirkostanzjali jistgħu ukoll iwaslu għal sejbien ta' ħtija. Biex dan ikun jista' jseħħ, l-indizji jrid ikollhom dawn il-karatteristiċi, iġifieri jridu jkunu:
>
> (a) (Normalment, u għalhekk mhux dejjem, u dipendenti skont in-natura tal-indizju partikolari), iżjed minn indizju wieħed (indizji plurimi),
>
> (b) tali li jipperswadu b'mod konvinċenti u ma jkunux faċilment skreditabbli (indizji gravi),
>
> (ċ) ma jagħtux lok għal interpretazzjonijiet differenti (indizji preċiżi jew univoċi), u
>
> (d) jaqblu ma' xulxin b'mod li jikkonverġu fl-istess direzzjoni (indizji konkordanti)."

Illi l-Qorti tagħmel tagħha dak li ngħad fis-sentenza mogħtija fil-15 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Formosa et** (Numru 179/2015) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "13. Mill-premess, għalhekk, ma tirriżultax dik il-katina ta' ċirkostanzi univoċi li jista' jingħad li iżolatament jew komplessivament jorbtu lil xi ħadd mill-imputati inevitabilment u inekwivokabilment max-xena tad-delitt jew xort'oħra mal-kummissjoni tiegħu. Il-fatt li r-relazzonijiet bejn Booth u l-imputati setgħu ma kienux tajbin u li Booth kienet oġġezzjonat mal-awtoritajiet li jiġi sanzjonat xi bini fil-proprjeta' tal-imputat ma joħolqux dik il-konkatenazzjoni meħtieġa sabiex inekwivokabilment jorbtu lill-imputati mal-kommissjoni tar-reat u ma humiex suffiċjenti sabiex jikkolmaw il-vojt

fil-provi tal-prosekuzzjoni sabiex jiġġeneraw il-grad tal-prova oltre d-dubbju raġonevoli. In kwantu għall-evażivita' tal-imputat meta mistoqsi dwar il-proċeduri quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar u aspetti oħra tax-xiehda dawn jistgħu iwasslu sabiex l-imputat ma jingħatax affidament f'dawk l-aspetti tad-depożizzjoni tiegħu, u sabiex dawn jiġu skartati, iżda l-vojt fil-provi li jinħoloq b'dan il-mod ma jistax jagħmel tajjeb għan-nuqqas ta' provi da parti tal-prosekuzzjoni tal-ħtija tal-imputati fil-grad għoli rikjest mil-liġi.

14. Din il-Qorti ħasbet fit-tul dwar iċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-każ kif jemerġu mill-provi inklużi dawk li fuqhom straħet l-Ewwel Qorti u din il-Qorti waslet għall-konklużjoni li fuq dawk iċ-ċirkostanzi l-Ewwel Qorti ma setgħetx raġionevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha u ċioè li l-imputati appellanti huma ħatja mingħajr dubbju dettat mir-raġuni tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom. L-aktar 'il bogħod li wieħed jista' jasal fuq l-iskorta tal-provi prodotti huwa li dawn jiġġeneraw suspett raġonevoli li l-imputati ikkommettew l-għemil imputat lilhom mill-prosekuzzjoni, iżda prova sa dan il-grad ma hix biżżejjed sabiex jintlaħaq il-grad għoli ta' prova meħtieġ għas-sejbien ta' ħtija fil-qasam tad-dritt penali."

Illi dak li ngħad fiż-żewġ sentenzi hawn fuq ikkwotati japplika għal każ odjern u meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad fihom u dak li ngħad aktar 'il fuq, il-Qorti tikkonkludi li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta ma sabitx ħtija fl-appellati fir-rigward tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tagħhom.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Avukat Ġenerali u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**